



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 14 ta' Diċembru 2023
(OR. en)

15246/23

LIMITE

CORLX 1031
CFSP/PESC 1518
COEST 608
FIN 1151

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2023/...

ta' ...

**li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK dwar miżuri restrittivi
fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fil-31 ta' Lulju 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/512/PESK¹.
- (2) L-Unjoni tibqa' soda fl-appoġġ tagħha għas-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna.
- (3) Fil-konklużjonijiet tiegħu tas-26 u tas-27 ta' Ottubru 2023, il-Kunsill Ewropew tenna l-kundanna qawwija tiegħu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, li tikkostitwixxi ksur ċar tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, u afferma mill-ġdid l-appoġġ sod tal-Unjoni għall-indipendenza, is-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna fil-fruntieri tagħha rikonoxxuti internazzjonalment u għad-dritt inerenti tagħha li tiddefendi ruħha kontra l-aggressjoni Russa. Il-Kunsill Ewropew stqarr ukoll li l-kapaċità tar-Russja li twettaq il-gwerra ta' aggressjoni tagħha jeħtieġ tkompli tiddgħajjef, inkluż billi jkomplu jissaħħu s-sanzjonijiet, u permezz tal-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tagħhom u l-prevenzjoni ta' ċirkomvenzjoni tagħhom, speċjalment għal oġġetti b'riskju għoli, f'kooperazzjoni mill-qrib mas-sħab u l-alleati.
- (4) Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni, huwa xieraq li jiġu adottati aktar miżuri restrittivi.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/512/PESK tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 229, 31.7.2014, p. 13).

- (5) B'mod partikolari, il-Kunsill iqis li huwa xieraq li tiġi imposta projbizzjoni fuq l-importazzjoni, ix-xiri jew it-trasferiment diretti jew indiretti ta' djamanti mir-Russja. Jenġtieg li dik il-projbizzjoni tapplika għal djamanti ta' oriġini Russa, djamanti esportati mir-Russja, djamanti li jgħaddu mir-Russja, u djamanti Russi meta jkunu pproċessati f'pajjiżi terzi appartati r-Russja. Il-projbizzjoni tapplika għal djamanti mhux industrijali naturali u sintetiċi, kif wkoll għal ġojjellerija tad-djamanti, mill-1 ta' Jannar 2024, u tinkludi introduzzjoni gradwali progressiva, mill-1 ta' Marzu 2024 sal-1 ta' Settembru 2024, ta' projbizzjoni indiretta fuq l-importazzjoni tad-djamanti Russi meta jkunu pproċessati f'pajjiżi terzi appartati r-Russja, inkluż ġojjellerija li tinkorpora djamanti li joriġinaw mir-Russja. L-introduzzjoni gradwali tal-importazzjonijiet indiretti tikkunsidra l-bżonn li jkun implimentat l-mekkaniżmu xieraq għat-traċċabbiltà li jippermetti miżuri ta' infurzar effettivi u jimminimizza t-tfixkil għall-atturi fis-suq.
- (6) Il-projbizzjoni fuq id-djamanti Russi hija parti mill-isforz tal-G7 biex jiżviluppa projbizzjoni internazzjonali koordinata tad-djamanti li għandha l-għan li iċċaħħad lir-Russja minn dan is-sors importanti ta' dħul. Biex il-projbizzjoni effettivament iċċaħħad lir-Russja mid-dħul mill-estrazzjoni tad-djamanti, jeħtieġ li tittieħed azzjoni flimkien ma' azzjoni simultanja fi swieq kbar oħra tad-djamanti, inkluż ir-restrizzjoni ta' importazzjonijiet ta' djamanti Russi li ġew pproċessati f'pajjiżi terzi appartati r-Russja.

- (7) Huwa xieraq li jiżdiedu 29 entità ġdida mal-lista ta' persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness IV għad-Deċiżjoni 2014/512/PESK, jiġifieri l-lista ta' persuni, entitajiet u korpi li jappoġġaw direttament il-kumpless militari u industrijali tar-Russja fil-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna, li fuqhom huma imposti restrizzjonijiet aktar stretti fuq l-esportazzjoni ta' oġġetti u teknoloġija b'użu doppju, kif ukoll oġġetti u teknoloġija li jistgħu jikkontribwixxu għat-titjib teknoloġiku tas-settur tad-difiża u għas-sigurtà tar-Russja. Barra minn hekk, fid-dawl tar-rwol abilitanti ewlieni tal-komponenti elettroniċi għall-użu mill-kumpless militari u industrijali tar-Russja bħala appoġġ għall-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna, huwa xieraq ukoll li f'dik il-lista jiġu inklużi ċerti entitajiet f'pajjiżi terzi apparti r-Russja involuti fiċ-ċirkonvenzjoni tar-restrizzjonijiet kummerċjali kif ukoll ċerti entitajiet Russi involuti fl-iżvilupp, il-produzzjoni u l-provvista ta' komponenti elettroniċi għall-kumpless militari u industrijali tar-Russja.
- (8) Huwa xieraq li tiġi estiża l-lista ta' oġġetti li jikkontribwixxu għat-titjib militari u teknoloġiku tar-Russja jew għall-iżvilupp tas-settur tad-difiża u s-sigurtà tagħha billi żżid oġġetti li ntużaw mir-Russja fil-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna u oġġetti li jikkontribwixxu għall-iżvilupp jew il-produzzjoni tas-sistemi militari tagħha, inklużi sustanzi kimiċi, batteriji tal-litju, termostati, muturi DC u servo għal vetturi tal-ajru mingħajr ekwipaġġ, makkinarju għodda u parts tal-makkinarju.

- (9) Huwa xieraq li jiġi introdott elenku ta' pajjiżi sħab li japplikaw sett ta' miżuri restrittivi fuq importazzjonijiet tal-ħadid u l-azzar u sett ta' miżuri ta' kontroll fuq l-importazzjoni li huma sostanzjalment ekwivalenti għal dawk fid-Deċiżjoni 2014/512/PESK u fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 833/2014¹, u li jiġi estiżi ċerti perjodi għall-importazzjoni ta' prodotti speċifiċi tal-azzar.
- (10) Huwa xieraq li jiġi imposti restrizzjonijiet ulterjuri fuq l-esportazzjonijiet ta' oġġetti li jistgħu jikkontribwixxu b'mod partikolari għat-titjib tal-kapaċitajiet industrijali Russi.
- (11) Addizzjonalment, huwa xieraq li jiġi introdotti aktar restrizzjonijiet fuq l-importazzjonijiet ta' oġġetti li jiġġeneraw dħul sinifikanti għar-Russja, li b'hekk jippermettew l-kontinwazzjoni tal-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna, bħall-propan likwifikat, il-ħadid fondut grezz u l-ispiegeleisen, il-wajers tar-ram, il-wajers tal-aluminju, il-fojl, it-tubi u l-pajpijiet. Huma previsti ċerti eċċezzjonijiet u perjodi tranżizzjonali.

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 833/2014 tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 229, 31.7.2014, p. 1).

- (12) Barra minn hekk, huwa ġustifikat li l-Istati Membri jkunu jistgħu jippermettu d-dħul fl-Unjoni ta' oġġetti personali li ma jippreżentawx tħassib sinifikanti ta' ċirkomvenzjoni, bħal oġġetti ta' iġjene personali, jew l-ilbies li l-vjaġġaturi jkunu lebsin jew li jkunu fil-bagalji tagħhom, u li b'mod ċar ikunu maħsuba għall-użu strettament personali tagħhom jew tal-membri tal-familja tagħhom. Huwa xieraq ukoll li tiġi introdotta eżenzjoni għall-karozzi li jkollhom pjanċa tar-reġistrazzjoni diplomatika biex jidħlu fl-Unjoni u, sabiex jiġi ffaċilitat id-dħul fl-Unjoni ta' ċittadini tal-Unjoni li jgħixu fir-Russja, li l-Istati Membri jkunu jistgħu jippermettu li jawtorizzaw, taħt daww il-kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, id-dħul ta' karozzi ta' ċittadini tal-Unjoni jew tal-membri tal-familja immedjata tagħhom li huma residenti fir-Russja u li qed jivvjaġġaw lejn l-Unjoni, dment li l-karozzi ma jkunux għall-bejgħ u jkunu misjuqa għall-użu strettament personali. Is-sitwazzjoni tal-karozzi mir-Russja li diġà jinsabu fit-territorju tal-Unjoni tista' tiġi regolarizzata mill-Istati Membri.
- (13) Huwa xieraq li tiġi introdotta deroga li tippermetti l-għoti ta' self jew krediti lil entitajiet li joperaw fis-settur tal-enerġija Russu li huma soġġetti għall-projbizzjoni fuq it-tranżazzjonijiet prevista fid-Deċiżjoni 2014/512/PESK, skont il-kundizzjonijiet previsti fiha.
- (14) Sabiex tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista ta' ċerti Stati Membri, huwa xieraq li derogi speċifiċi mill-projbizzjoni fuq l-importazzjonijiet mir-Russja ta' żejt grezz u prodotti tal-petroleum jiġu estenzi b'sena addizzjonali.

- (15) Il-mekkaniżmu tal-limitu massimu tal-prezzijiet jiddependi fuq proċess ta' attestazzjoni li jippermetti lill-operaturi fil-katina tal-provvista taż-żejt Russu li jinġarr bil-baħar juru li nxtara bil-limitu massimu tal-prezz jew taħtu maqbul mill-Koalizzjoni għal-Limitu Massimu tal-Prezzijiet. Sabiex l-implimentazzjoni ta' dak il-mekkaniżmu, u l-konformità għalih, jiġu appoġġati aktar, filwaqt li jiżdiedu l-ostakli għall-falsifikazzjoni tal-attestazzjonijiet, huwa xieraq li jiġi introdott rekwiżit biex l-informazzjoni diżaggregata dwar il-prezz għall-kostijiet anċillari, bħall-assigurazzjoni u n-noll, tiġi kondiviża fuq talba tul il-katina tal-provvista tal-kummerċ fiż-żejt Russu. F'konformità mas-sistema ta' livelli tal-Koalizzjoni għal-Limitu Massimu tal-Prezzijiet għall-attestazzjonijiet li timmodula l-obbligi ta' konformità tal-atturi abbażi tal-aċċess tagħhom għall-prezz tax-xiri taż-żejt grezz jew ta' prodotti tal-petroleum Russi, l-informazzjoni diżaggregata tal-prezz għandha tiġi kondiviża minn dawk l-atturi b'aċċess għal dik l-informazzjoni, bħan-negozjanti jew in-noliġġaturi. Jenħtieġ li l-atturi fi tmiem il-katina tal-provvista, bħas-sidien tal-vapuri jew l-assiguraturi, ikunu jistgħu jiġbru, bħala parti mill-proċeduri tad-diliġenza dovuta tagħhom, u jikkondividu, l-informazzjoni diżaggregata dwar il-kost ipprovduta mill-atturi li jkunu qrib l-oriġini ta' informazzjoni bħal din. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu fi kwalunkwe waqt jitolbu dik l-informazzjoni minn kwalunkwe attur, irrispettivament minn fejn jinsabu fil-katina tal-provvista, sabiex jivverifikaw il-konformità mal-mekkaniżmu tal-limitu massimu tal-prezzijiet. Huwa previst perjodu tranżizzjonali xieraq.

- (16) L-implimentazzjoni u l-infurzar tal-mekkaniżmu tal-limitu massimu tal-prezzijiet jenħtieġ li jkunu ulterjorment appoġġati mill-kondiviżjoni tal-informazzjoni bejn il-Kummissjoni, bl-appoġġ tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima, u l-Istati Membri biex jidentifikaw bastimenti u entitajiet li jwettqu prattika qarrieqa waħda jew aktar, bħat-trasferimenti minn vapur għal vapur użati biex jaħbu l-oriġini jew id-destinazzjoni tal-merkanzija u manipulazzjonijiet tas-sistema ta' identifikazzjoni awtomatika, filwaqt li jittrasportaw żejt grezz jew prodotti tal-petroleum Russi.
- (17) Sabiex tiġi introdotta t-trasparenza fil-bejgħ ta' tankers, b'mod partikolari trasportaturi użati, li jistgħu jintużaw biex tiġi evitata l-projbizzjoni fuq l-importazzjoni ta' prodotti tal-grezz jew tal-petroleum Russu u l-limitu massimu tal-prezz miftiehem mill-Koalizzjoni għal-Limitu Massimu tal-Prezzijiet, huwa xieraq li jiġi previst obbligu ta' notifika għall-bejgħ ta' tankers lejn kwalunkwe pajjiż terz u deroga mill-projbizzjoni fuq il-bejgħ ta' tankers lil persuni u entitajiet Russi, jew għall-użu fir-Russja. Dan l-obbligu japplika għas-sid ta' tanker li huwa ċittadin ta' Stat Membru, għal persuna fiżika residenti fi Stat Membru, u għal persuna ġuridika, entità jew korp li huma stabbiliti fl-Unjoni. Jenħtieġ li s-sid, jew kull min jaġixxi f'ismu, jinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti bi kwalunkwe bejgħ bħal dan konkluż mill-5 ta' Diċembru 2022 'l hawn u jipprovdu d-dettalji neċessarji kollha.

- (18) Il-mekkaniżmu tal-limitu massimu tal-prezzijiet jipprevedi li proġetti speċifiċi li huma essenzjali għas-sigurtà tal-enerġija ta' ċerti pajjiżi terzi jistgħu jiġu eżentati mil-limitu massimu tal-prezz miftiehem mill-Koalizzjoni għal-Limitu Massimu tal-Prezzijiet. L-eżenzjoni prevista fir-rigward tal-Proġett Sakhalin-2 (Сахалин-2), li jinsab fir-Russja, jenħtieġ li tiġi estiża sat-28 ta' Ġunju 2024 biex jiġu żgurati l-ħtiġijiet tas-sigurtà tal-enerġija tal-Ġappun.
- (19) Sabiex tillimita ulterjorment iċ-ċirkonvenzjoni tal-projbizzjoni fuq il-forniment ta' servizzi ta' kartiera tal-kriptoassi, ta' kontijiet jew ta' kustodja lil persuni u lil residenti Russi, huwa xieraq li tiġi inkluża projbizzjoni fuq ċittadini Russi jew persuni fiżiċi li jirriżjedu fir-Russja milli jippossjedu jew jikkontrollaw jew ikollhom kariga fuq il-korpi governattivi tal-persuni ġuridiċi, l-entitajiet jew il-korpi li jipprovdu tali servizzi.
- (20) Addizzjonalment, huwa xieraq li tiġi estiża l-projbizzjoni eżistenti fuq il-forniment ta' servizzi biex tinkludi wkoll il-forniment ta' software għall-ġestjoni ta' intrapriżi u software għad-disinn u l-manifattura industrijali, soġġetta għall-eżenzjonijiet u d-derogi xierqa.
- (21) Minħabba l-importanza tal-proġett Paks II għall-interessi tal-Ungerija fir-rigward tas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija, l-eżenzjonijiet u d-derogi f'din id-Deċiżjoni li tikkoncernaw proġetti nukleari ċivili huma applikabbli bis-sħiħ għall-oġġetti u s-servizzi kollha meħtieġa għal dak il-proġett.

- (22) Il-Kunsill iqis li huwa ġustifikat li jiġu imposti ċerti rekwiżiti ta' rapportar għat-trasferimenti ta' fondi 'l barra mill-Unjoni magħmula minn entitajiet stabbiliti fl-Unjoni, inkluż Entitajiet bi Skop Speċjali, li d-drittijiet proprjetarji tagħhom ikunu ta' entitajiet stabbiliti fir-Russja, minn ċittadini Russi jew minn persuni fiżiċi li jirrisjedu fir-Russja.
- (23) Il-Kunsill iqis li huwa xieraq li jkun meħtieġ li l-esportaturi jipprojbixxu kuntrattwalment ir-riesportazzjoni lejn ir-Russja u riesportazzjoni għall-użu fir-Russja ta' oġġetti u teknoloġija sensitivi kif elenkat fl-Annessi XI, XX u XXXV tar-Regolament (UE) Nru 833/2014, ta' oġġetti komuni ta' prijorità għolja, jew ta' armi tan-nar u munizzjoni kif elenkat fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 258/2012.
- (24) Fl-aħħar nett, huwa neċessarju li jsiru ċerti emendi tekniċi, inkluż billi jiġu sostitwiti l-eżenzjonijiet minn ċerti projbizzjonijiet b'derogi, billi jinżdiedu eżenzjonijiet għall-użu personali, billi jiġu previsti obbligi ta' notifika, billi jinżdiedu r-referenzi li huma neqsin f'xi artikoli iżda li ġew inklużi f'artikoli analogu, u billi jitħassru r-referenzi għall-perjodi tranżizzjonali li skadew u referenzi oħra li mhumiex neċessarji għall-konformità mal-iskop ta' dispożizzjoni partikolari. It-tħassir tar-referenzi għall-perjodi ta tranżizzjoni li diġà skadew mhix intenzjonata biex ikollha effetti legali fuq kuntratti mgħoddija jew li għaddejjin bħalissa jew fuq l-applikabbiltà ta' dawk il-perjodi ta' tranżizzjoni.
- (25) Hija meħtieġa azzjoni ulterjuri mill-Unjoni sabiex jiġu implimentati ċerti miżuri.
- (26) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2014/512/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2014/512/PESK hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 1, il-paragrafi 6 u 7 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"6. Għandu jkun ipprojbit li direttament jew indirettament issir jew tkun parti minn kwalunkwe arranġament li jsir:

- (i) self jew kreditu ġdid b'maturità li taqbeż it-30 jum lil xi persuna ġuridika, entità jew korp imsemmija fil-paragrafu 1 jew 3, wara t-12 ta' Settembru 2014 sas-26 ta' Frar 2022; jew
- (ii) kull self jew kreditu ġdid lil xi persuna ġuridika, entità jew korp imsemmija fil-paragrafu 1, 2, 3 jew 4 wara s-26 ta' Frar 2022.

Il-projbizzjoni ma għandhiex tapplika għal:

- (a) self jew kreditu li għandhom objettiv speċifiku u dokumentat li jipprovdu finanzjament għal importazzjonijiet jew esportazzjonijiet mhux ipprojbiti ta' oġġetti u servizzi mhux finanzjarji bejn l-Unjoni u kwalunkwe Stat terz, inkluża n-nefqa għal prodotti u servizzi minn Stat terz ieħor li hija neċessarja għall-eżekuzzjoni tal-kuntratti ta' esportazzjoni jew importazzjoni, dment li l-awtorità nazzjonali kompetenti tkun ġiet innotifikata fi żmien tliet xhur mid-data tas-self jew tal-kreditu; jew

- (b) self li jkollu objettiv speċifiku u dokumentat li jipprovdi finanzjament ta' emerġenza biex jissodisfa kriterji ta' solvenza u likwidità għal persuni ġuridiċi stabbiliti fl-Unjoni, li aktar minn 50 % tad-drittijiet proprjetarji tagħhom ikunu ta' xi entità msemmija fl-Anness I, dment li l-awtorità nazzjonali kompetenti tkun ġiet innotifikata fi żmien tliet xhur mid-data tas-self jew tal-kreditu.
7. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 6 ma għandhiex tapplika għal prelevament jew żborżi magħmula taħt kuntratt konkluż qabel is-26 ta' Frar 2022 sakemm jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:
- (a) it-termini u l-kundizzjonijiet kollha ta' dan il-prelevament jew ta' dawn l-iżborżi:
- (i) ġew miftiehma qabel is-26 ta' Frar 2022; u
- (ii) ma ġewx emendati f'dik id-data jew warajha;
- (b) qabel is-26 ta' Frar 2022, tkun ġiet iffissata data ta' skadenza kuntrattwali għar-rimborż sħiħ tal-fondi kollha li kienu saru disponibbli u għall-kanċellament tal-impenji, id-drittijiet u l-obbligi kollha taħt il-kuntratt;
- (c) fiż-żmien meta ġie konkluż il-kuntratt ma kienx jikser il-projbizzjonijiet f'din id-Deċiżjoni fis-seħħ f'dak iż-żmien; u

- (d) l-awtorità nazzjonali kompetenti tkun ġiet innotifikata fi żmien tliet xhur mid-data tal-prelevament jew l-iżborżi.

It-termini u l-kundizzjonijiet tal-prelevamenti u l-iżborżi msemmija fil-punt (a) jinkludu dispożizzjonijiet dwar it-tul tal-perjodu ta' ħlas lura għal kull prelevament jew żborż, ir-rata tal-imgħax applikata jew il-metodu ta' kalkolu tar-rata tal-imgħax, u l-ammont massimu.";

- (2) fl-Artikolu 1a, il-paragrafi 2 u 3 huma sostitwiti b'dan li ġej:

- "2. Għandu jkun ipprojbit li direttament jew indirettament isir jew ikun parti minn kwalunkwe arranġament li jsir xi self jew kreditu ġdid lil xi persuna ġuridika, entità jew korp imsemmija fil-paragrafu 1 wara t-23 ta' Frar 2022.

Il-projbizzjoni ma għandhiex tapplika għal self jew kreditu li għandu objettiv speċifiku u dokumentat li jipprovdi finanzjament għal importazzjonijiet jew esportazzjonijiet mhux ipprojbiti ta' prodotti u servizzi mhux finanzjarji bejn l-Unjoni u xi Stat terz, inkluża n-nefqa għal oġġetti u servizzi minn Stat terz ieħor li hija neċessarja għall-eżekuzzjoni tal-kuntratti ta' esportazzjoni jew importazzjoni, dment li l-awtorità nazzjonali kompetenti tkun ġiet innotifikata fi żmien tliet xhur mid-data tas-self jew tal-kreditu.

3. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 2 ma għandhiex tapplika għall-prelevament jew żborżi magħmula b'kuntratt konkluż qabel it-23 ta' Frar 2022 dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:
- (a) it-termini u l-kundizzjonijiet kollha ta' dan il-prelevament jew ta' dawn l-iżborżi:
 - (i) ġew miftiehma qabel it-23 ta' Frar 2022; u
 - (ii) ma ġewx emendati f'dik id-data jew warajha;
 - (b) qabel it-23 ta' Frar 2022 ġiet iffissata data tal-maturità kuntrattwali għall-ħlas lura sħiħ tal-fondi kollha disponibbli u għall-kanċellazzjoni tal-impenji, drittijiet u obbligi kollha skont il-kuntratt; u
 - (c) l-awtorità nazzjonali kompetenti tkun ġiet innotifikata fi żmien tliet xhur mid-data tal-prelevament jew l-iżborżi.

It-termini u l-kundizzjonijiet tal-prelevamenti u l-iżborżi msemmija fil-punt (a) jinkludu dispożizzjonijiet dwar it-tul tal-perjodu ta' ħlas lura għal kull prelevament jew żborż, ir-rata tal-imgħax applikata jew il-metodu ta' kalkolu tar-rata tal-imgħax, u l-ammont massimu.";

(3) L-Artikolu 1aa huwa emendat kif ġej:

(a) jitħassru l-paragrafi 2, 2b u 2d;

(b) fil-paragrafu 3, l-formulazzjoni introdutturja hija sostitwita b'dan li ġej:

“Sakemm ma jkunx ipprobit b'xi mod ieħor, il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika għal.”;

(c) fil-paragrafu 3, il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(d) tranżazzjonijiet, inkluż ix-xiri, li huma strettament neċessarji għall-istralċ, sal-31 ta' Diċembru 2024, ta' imprima konġunta jew arranġament legali simili li jkun ġie konkluż qabel is-16 ta' Marzu 2022, li jinvolvi persuna ġuridika, entità jew korp imsemmija fil-paragrafu 1;”;

(d) fil-paragrafu 3, jitħassar il-punt (h);

(e) il-paragrafu 3a huwa sostitwit b'dan li ġej:

“3a. B'deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw, b'tali kundizzjonijiet li jqisu xierqa, tranżazzjonijiet li huma strettament neċessarji għall-iżvestiment u l-irtirar sal-31 ta' Diċembru 2024, mill-entitajiet imsemmija fil-paragrafu 1 jew tas-sussidjarji tagħhom fl-Unjoni minn persuna ġuridika, entità jew korp stabbilit fl-Unjoni.”;

(4) L-Artikolu 1b huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"2a. Għandu jkun ipprojbit minn ...[30 jum wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni emendatorja] li ċittadini Russi jew persuni fiżiċi li jirrisjedu fir-Russja direttament jew indirettament jipposedu jew jikkontrollaw kwalunkwe kariga fil-korp ta' tmexxija ta' persuna ġuridika, entità jew korp li huwa inkorporat jew kostitwit skont il-liġi ta' Stat Membru u li jkun qed jipprovdi s-servizzi msemmija fil-paragrafu 2.";

(b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Il-paragrafi 1, 2 u 2a ma għandhomx japplikaw għal ċittadini ta' Stat Membru, ta' pajjiż membru taż-Żona Ekonomika Ewropea jew tal-Iżvizzera, jew għal persuni fiżiċi li għandhom permess ta' residenza temporanju jew permanenti fi Stat Membru, f'pajjiż membru taż-Żona Ekonomika Ewropea jew fl-Iżvizzera.";

(5) fl-Artikolu 1h(2), il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) l-operat, il-manutenzjoni, id-dekummissjonar u l-ġestjoni tal-iskart radjuattiv, il-forniment u t-trattament mill-ġdid tal-fjuwil u s-sikurezza tal-kapaċitajiet nukleari ċivili, u l-kontinwazzjoni tad-disinn, tal-kostruzzjoni u l-kummissjonar meħtieġa għat-tlestija ta' faċilitajiet nukleari ċivili, bħall-proġett Paks II, kif ukoll il-forniment ta' materjal prekursor għall-produzzjoni ta' isotopi radjuattivi mediċi u applikazzjonijiet mediċi simili, teknoloġija kritika għall-monitoraġġ tar-radjuazzjoni ambjentali, kif ukoll il-kooperazzjoni nukleari ċivili, b'mod partikolari fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp;"

(6) fl-Artikolu 1i(2), il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(d) l-operat, il-manutenzjoni, id-dekummissjonar u l-ġestjoni tal-iskart radjuattiv, il-forniment u t-trattament mill-ġdid tal-fjuwil u s-sikurezza tal-kapaċitajiet nukleari ċivili, u l-kontinwazzjoni tad-disinn, tal-kostruzzjoni u l-kummissjonar meħtieġa għat-tlestija ta' faċilitajiet nukleari ċivili, bħall-proġett Paks II, kif ukoll il-forniment ta' materjal prekursor għall-produzzjoni ta' isotopi radjuattivi mediċi u applikazzjonijiet mediċi simili, teknoloġija kritika għall-monitoraġġ tar-radjuazzjoni ambjentali, kif ukoll il-kooperazzjoni nukleari ċivili, b'mod partikolari fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp;"

(7) L-Artikolu 1k huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2a, il-formulazzjoni introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"2a. Għandu jkun ipprojbit li jiġu pprovduti, direttament jew indirettament, servizzi ta' rikerka tas-suq u ta' stħarriġ tal-opinjoni pubblika, servizzi ta' ttestjar u analiżi tekniċi u servizzi ta' reklamar lil:";

(b) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"2b. Għandu jkun ipprojbit il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment, l-esportazzjoni jew l-għoti, direttament jew indirettament, ta' software għall-ġestjoni ta' intrapriżi u software għad-disinn u l-manifattura industrijali lil:

(a) il-Gvern tar-Russja; jew

(b) persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi stabbiliti fir-Russja.";

(c) jitħassru l-paragrafi 3, 4 u 4a;

(d) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"3a. Għandu jkun ipprojbit:

- (a) l-ġhoti ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra relatati mal-oġġetti u s-servizzi msemmija fil-paragrafi 1, 2, 2a u 2b għall-forniment tagħhom, direttament jew indirettament, lill-Gvern tar-Russja jew lil persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi stabbiliti fir-Russja;
- (b) l-ġhoti ta' finanzjament jew assistenza finanzjarja relatati mal-oġġetti u s-servizzi msemmija fil-paragrafi 1, 2, 2a u 2b għall-forniment tagħhom, jew għall-ġhoti ta' assistenza teknika relatata, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra, direttament jew indirettament, lill-Gvern tar-Russja jew lil persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi stabbiliti fir-Russja.”;

(e) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

“4b. Il-paragrafu 2b ma għandux japplika għall-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew għall-ġhoti ta' software li huwa strettament neċessarju għat-terminazzjoni sa ...[tliet xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni emendatorja] ta' kuntratti li mhumiex konformi ma' dan l-Artikolu konklużi qabel ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni], jew ta' kuntratti anċillari neċessarji għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.”;

(f) il-paragrafu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"7. Il-paragrafi 1, 2, 2a u 2b ma għandhomx japplikaw sa ...[sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni emendatorja] għall-forniment ta' servizzi maħsuba għall-użu esklużiv ta' persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi stabbiliti fir-Russja li huma proprjetà ta' persuna ġuridika, entità jew korp li huma inkorporati jew kostitwiti skont il-liġi ta' Stat Membru, pajjiż membru taż-Żona Ekonomika Ewropea, l-Iżvizzera jew pajjiż sieħeb kif elenkat fl-Anness VII, jew li huma kkontrollati kompletament jew b'mod konġunt minnhom.";

(g) il-paragrafu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"8. Il-paragrafi 2, 2a u 2b ma għandhomx japplikaw għall-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment, l-esportazzjoni jew l-għoti ta' servizzi neċessarji għal emerġenzi tas-saħħa pubblika, il-prevenzjoni jew il-mitigazzjoni urġenti ta' avveniment li x'aktarx ikollu impatt serju u sinifikanti fuq is-saħħa u s-sikurezza tal-bniedem jew tal-ambjent, jew bħala rispons għal diżastri naturali.";

(h) jitħassar il-paragrafu 9:

(i) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"9b. B'deroga mill-paragrafu 2b, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw il-forniment ta' servizzi msemmin fih, taħt tali kundizzjonijiet li jqisu xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li dawk is-servizzi huma meħtieġa għall-kontribuzzjoni ta' ċittadini Russi għal proġetti internazzjonali b'sors miftuħ.";

(j) il-paragrafu 10 huwa emendat kif ġej:

(a) il-formulazzjoni introdutturja hija sostitwita b'dan li ġej:

"10. B'deroga mill-paragrafi 1, 2, 2a, 2b u 3a, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw is-servizzi msemmin fihom, b'tali kundizzjonijiet li jidhrilhom xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li dawn huma neċessarji għal:";

(b) il-punt (f) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(f) l-istabbiliment, l-operat, il-manutenzjoni, il-forniment tal-fjuwil u t-trattament mill-ġdid u s-sikurezza tal-kapaċitajiet nukleari ċivili, u l-kontinwazzjoni tad-disinn, tal-kostruzzjoni u l-ikkummissjonar meħtieġa għat-tlestija ta' faċilitajiet nukleari ċivili, bħall-proġett Paks II, il-forniment ta' materjal prekursor għall-produzzjoni ta' isotopi radjuattivi mediċi u applikazzjonijiet mediċi simili, jew it-teknoloġija kritika għall-monitoraġġ tar-radjazzjoni ambjentali, kif ukoll għall-kooperazzjoni nukleari ċivili, b'mod partikolari fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp;"

(c) jiżdied il-punt li ġej:

“(h) l-użu esklużiv ta’ persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi stabbiliti fir-Russja li huma proprjetà ta’, jew ikkontrollati kompletament jew b’mod konġunt minn, persuna ġuridika, entità jew korp li huma inkorporati jew kostitwiti skont il-liġi ta’ Stat Membru, pajjiż membru taż-Żona Ekonomika Ewropea, l-Iżvizzera jew pajjiż sieħeb kif elenkat fl-Anness VII.”;

(k) il-paragrafu 11 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"11. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni b'kull awtorizzazzjoni li jagħti skont il-paragrafi 9a, 9b u 10 fi żmien ġimagħtejn mill awtorizzazzjoni.";

(8) fl-Artikolu 1m, jitħassar il-paragrafu 2;

(9) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

“Artikolu 1n

1. Il-persuni ġuridiċi, l-entitajiet u l-korpi stabbiliti fl-Unjoni li aktar minn 40 % tad-drittijiet proprjetarji tagħhom huma direttament jew indirettament proprjetà ta':

(a) persuna ġuridika, entità jew korp stabbilit fir-Russja;

(b) ċittadin Russu; jew

(c) persuna fiżika li tirrisjedi fir-Russja,

għandhom, mill-1 ta' Mejju 2024, jirrapportaw lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn ikunu stabbiliti, fi żmien ġimagħtejn mit-tmiem ta' kull trimestru, kwalunkwe trasferiment ta' fondi li jaqbżu l-EUR 100 000 'l barra mill-Unjoni li jkunu għamlu matul dak it-trimestru, direttament jew indirettament, f'operazzjoni waħda jew aktar.

2. Minkejja r-regoli applikabbli dwar ir-rapportar, il-kunfidenzjalità u s-segretezza professjonali, l-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji għandhom, mill-1 ta' Lulju 2024, jirrapportaw lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn ikunu jinsabu, fi żmien ġimagħtejn wara t-tmiem ta' kull semestru, informazzjoni dwar it-trasferimenti kollha ta' fondi 'l barra mill-Unjoni ta' ammont kumulattiv, matul dak is-semestru, li jaqbeż 100 000 EUR li jkunu bdew, direttament jew indirettament, għall-persuni ġuridiċi, l-entitajiet u l-korpi msemmija fil-paragrafu 1.
3. L-Istati Membri għandhom jivvalutaw l-informazzjoni li jirċievu f'konformità mal-paragrafi 1 u 2 biex jidentifikaw it-tranżazzjonijiet, l-entitajiet u s-setturi tan-negozju li jindikaw riskju serju ta' ksur, ċirkomvenzjoni, jew l-użu ta' fondi għal finijiet inkompatibbli ma' din id-Deċiżjoni, jew id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2014/145/PESK*, 2014/386/PESK**, 2014/512/PESK, jew (PESK) 2022/266***, jew ir-Regolamenti tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014****, (UE) Nru 833/2014****, (UE) Nru 692/2014***** jew (UE) 2022/263***** u għandhom jinfurmaw lil xulxin u lill-Kummissjoni regolarment bis-sejbiet tagħhom.
4. Abbażi tal-informazzjoni li tirċievi mill-Istati Membri skont il-paragrafu 3, il-Kummissjoni għandha tirrieżamina l-funzjonament tal-miżuri previsti f'dan l-Artikolu mhux aktar tard minn ... [sena wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni emendatorja].";

-
- * Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU L 78, 17.3.2014, p. 16).
- ** Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/386/PESK tat-23 ta' Ġunju 2014 dwar miżuri restrittivi minħabba l-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol (ĠU L 183, 24.6.2014, p. 70).
- *** Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/266 tat-23 ta' Frar 2022 dwar miżuri restrittivi b'reazzjoni għar-rikonoxximent, l-okkupazzjoni jew l-annessjoni illegali mill-Federazzjoni Russa ta' ċerti żoni mhux ikkontrollati mill-gvern tal-Ukrajna (ĠU L 42 I, 23.2.2022, p. 109).
- **** Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU L 78, 17.3.2014, p. 6).
- ***** Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 833/2014 tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 229, 31.7.2014, p. 1).
- ***** Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 692/2014 tat-23 ta' Ġunju 2014 dwar miżuri restrittivi b'reazzjoni għall-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol (ĠU L 183, 24.6.2014, p. 9).
- ***** Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/263 tat-23 ta' Frar 2022 dwar miżuri restrittivi b'reazzjoni għar-rikonoxximent, l-okkupazzjoni jew l-annessjoni illegali mill-Federazzjoni Russa ta' ċerti żoni tal-Ukrajna mhux ikkontrollati mill-gvern (ĠU L 42 I, 23.2.2022, p. 77).";

(10) fl-Artikolu 3(4), il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) maħsuba għall-operat, il-manutenzjoni, it-trattament mill-ġdid tal-fjuwil u s-sikurezza tal-kapaċitajiet nukleari ċivili bħall-proġett Paks II, kif ukoll il-kooperazzjoni nukleari ċivili, b'mod partikolari fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp";

(11) fl-Artikolu 3a(4), il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) maħsuba għall-operat, il-manutenzjoni, it-trattament mill-ġdid tal-fjuwil u s-sikurezza tal-kapaċitajiet nukleari ċivili bħall-proġett Paks II, kif ukoll il-kooperazzjoni nukleari ċivili, b'mod partikolari fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp";

(12) fl-Artikolu 4, il-paragrafi 4 u 5 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"4. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafu 2 ma għandhomx japplikaw sa ...[sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni emendatorja] għall-forniment ta' assigurazzjoni jew riassigurazzjoni lil kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp li huma inkorporati jew kostitwiti skont il-liġi ta' Stat Membru fir-rigward tal-attivitajiet tiegħu barra mis-settur tal-enerġija fir-Russja.

5. B'deroga mill-paragrafu 2, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw, skont dawk il-kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, il-forniment ta' assigurazzjoni jew riassigurazzjoni wara ... [sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni emendatorja] lil kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp li huma inkorporati jew kostitwiti skont il-liġi ta' Stat Membru fir-rigward tal-attivitajiet tiegħu barra mis-settur tal-enerġija fir-Russja.";

(13) fl-Artikolu 4a, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"3a. B'deroga mill-punt (b) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw, taħt ċerti kundizzjonijiet li jqisu xierqa, kwalunkwe attività msemmija fih wara li jiddeterminaw li, f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 1aa(3), tali attività hija neċessarja biex jiġi żgurat l-operat ta' proġett tal-gass offshore tal-baħar fond fil-Baħar Mediterran li fih persuna ġuridika, entità jew korp elenkat fl-Anness X kien azzjonist minoritarju qabel il-31 ta' Ottubru 2017 u għadu hekk, dment li l-proġett ikun ikkontrollat jew operat unikament jew konġuntament minn persuna ġuridika inkorporata jew kostitwita skont il-liġi ta' Stat Membru."

(14) fl-Artikolu 4d, jitħassru l-paragrafi 5, 5a, 5b u 5c;

(15) fl-Artikolu 4ħa(5), il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(d) it-trasport ta' fjuwil nukleari u oġġetti oħra strettament neċessarji għall-funzjonament tal-kapaċitajiet nukleari ċivili, bħall-proġett Paks II.";

(16) l-Artikolu 4i, huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(d) mit-30 ta’ Settembru 2023, l-importazzjoni jew ix-xiri, direttament jew indirettament, ta’ prodotti tal-ħadid u tal-azzar kif elenkati fl-Anness XVII għar-Regolament (UE) Nru 833/2014 meta jiġu pproċessati f’pajjiż terz li jinkorporaw prodotti tal-ħadid u tal-azzar li joriġinaw mir-Russja kif elenkati fl-Anness XVII għar-Regolament (UE) Nru 833/2014; fir-rigward tal-prodotti elenkati fl-Anness XVII għar-Regolament (UE) Nru 833/2014 ipproċessati f’pajjiż terz li jinkorporaw prodotti tal-azzar li joriġinaw mir-Russja tal-kodiċijiet NM 7207 11, 7207 12 10 jew 7224 90, din il-projbizzjoni għandha tapplika mill-1 ta’ April 2024 għall-kodiċi NM 7207 11 u mill-1 ta’ Ottubru 2028 għall-kodiċijiet NM 7207 12 10 u 7224 90;

Għall-iskop tal-applikazzjoni ta' dan il-punt, fil-waqt tal-importazzjoni, l-importaturi għandhom jipprovdu evidenza dwar il-pajjiż tal-orġini tal-inputs tal-ħadid u l-azzar użati fl-ipproċessar tal-prodott f’pajjiż terz sakemm il-prodott ma jkunx importat minn pajjiż sieħeb għall-importazzjoni tal-ħadid u l-azzar kif elenkat fl-Anness XV;”;

(b) fil-paragrafu 4, jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"(c) 3 185 719 tunnellata metrika bejn l-1 ta' Ottubru 2024 u t-30 ta' Settembru 2025;

(d) 2 998 324 tunnellata metrika bejn l-1 ta' Ottubru 2025 u t-30 ta' Settembru 2026;

(e) 2 623 534 tunnellata metrika bejn l-1 ta' Ottubru 2026 u t-30 ta' Settembru 2027;

(f) 2 061 348 tunnellata metrika bejn l-1 ta' Ottubru 2027 u t-30 ta' Settembru 2028.";

(c) fil-paragrafu 5a, jiżdiedu l-punti li ġejjin:

“(c) 124 956 tunnellati metriċi bejn l-1 ta' Ottubru 2024 u t-30 ta' Settembru 2025;

(d) 117 606 tunnellati metriċi bejn l-1 ta' Ottubru 2025 u t-30 ta' Settembru 2026.;

(e) 102 905 tunnellati metriċi bejn l-1 ta' Ottubru 2026 u t-30 ta' Settembru 2027;

(f) 80 854 tunnellata metrika bejn l-1 ta' Ottubru 2027 u t-30 ta' Settembru 2028.”;

(d) il-paragrafu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"7. B'deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw ix-xiri, l-importazzjoni jew it-trasferiment tal-oġġetti elenkati fl-Anness XVII tar-Regolament (UE) Nru 833/2014, b'dawk il-kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li dan ikun neċessarju għall-istabbiliment, l-operat, il-manutenzjoni, il-forniment u t-trattament mill-ġdid tal-fjuwil u s-sikurezza tal-kapaċitajiet nukleari ċivili, u l-kontinwazzjoni tad-disinn, il-kostruzzjoni u l-ikkummissjonar meħtieġa għat-tlestija tal-faċilitajiet nukleari ċivili, bħall-proġett Paks II, il-forniment ta' materjal prekursor għall-produzzjoni ta' isotopi radjuattivi mediċi u applikazzjonijiet mediċi simili, jew teknoloġija kritika għall-monitoraġġ tar-radjuazzjoni ambjentali, kif ukoll il-kooperazzjoni nukleari ċivili, b'mod partikolari fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp.";

(17) fl-Artikolu 4j, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Għandu jkun ipprojbit il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni, direttament jew indirettament, ta' oġġetti ta' lussu, kemm jekk joriġinaw mill-Unjoni jew le, lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja jew għall-użu fir-Russja.";

(18) fl-Artikolu 4k, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

(a) jiddaħħlu l-paragrafi li ġejjin:

"3aa. L-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jippermettu l-importazzjoni ta' oġġetti li huma maħsuba għall-użu strettament personali ta' persuni fiżiċi li jivvjaġġaw lejn l-Unjoni jew tal-membri tal-familja immedjata tagħhom, u limitati għal oġġetti personali proprjetà ta' dawk l-individwi u li huma manifestament mhux maħsuba għall-bejgħ.

3ab. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw, taħt dawk il-kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, id-dħul fl-Unjoni ta' vettura li taqa' taħt il-kodiċi NM 8703 mhux maħsuba għall-bejgħ u li tkun proprjetà ta' ċittadin ta' Stat Membru jew ta' membru tal-familja immedjata li jkun residenti fir-Russja u li jkun qed isuq il-vettura fl-Unjoni għall-użu strettament personali.

3ac. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika għad-dħul fl-Unjoni ta' vetturi bil-mutur li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 8703 dment li jkollhom pjanċa tar-reġistrazzjoni ta' vettura diplomatika u jkunu meħtieġa għall-funzjonament tar-rappreżentanzi diplomatiċi u konsulari, inkluż delegazzjonijiet, ambaxxati u missjonijiet, jew ta' organizzazzjonijiet internazzjonali li jgawdu minn immunitajiet skont il-liġi internazzjonali, jew għall-użu personali tal-persunal tagħhom u tal-membri tal-familja immedjata tagħhom.

- 3ad. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 ma għandhiex tipprevjeni vetturi li jkunu diġà fit territorju tal-Unjoni fi [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni emendatorja] milli jiġu rreġistrati fi Stat Membru.
3. Fir-rigward tal-oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 7205, 7408, 7604, 7605, 7607 u 7608, il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għall-eżekuzzjoni sa ... [tliet xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni emendatorja] ta' kuntratti konklużi qabel ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni emendatorja], jew ta' kuntratti anċillari neċessarji għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.";
- 3cb. Fir-rigward tal-oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 2711 12, 2711 13, 2711 14, 2711 19 u 7202, il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għall-eżekuzzjoni sa ... [12-il xhar wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni emendatorja] ta' kuntratti konklużi qabel... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni emendatorja], jew ta' kuntratti anċillari neċessarji għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.

3cc. Fir-rigward tal-oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 7201, il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għall-importazzjoni, ix-xiri jew it-trasport, jew l-assistenza teknika jew finanzjarja relatata tal-kwantitajiet ta' oġġetti li ġejjin:

- (a) 1 140 000 tonnellata metrika bejn ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni emendatorja] u l-31 ta' Diċembru 2024;
- (b) 700 000 tonnellata metrika bejn l-1 ta' Jannar 2025 u l-31 ta' Diċembru 2025.

3cd. Fir-rigward tal-oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 7203, il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għall-importazzjoni, ix-xiri jew it-trasport, jew l-assistenza teknika jew finanzjarja relatata tal-kwantitajiet ta' oġġetti li ġejjin:

- (a) 1 140 836 tonnellata metrika bejn ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni emendatorja] u l-31 ta' Diċembru 2024;
- (b) 651 906 tonnellata metrika bejn l-1 ta' Jannar 2025 u l-31 ta' Diċembru 2025;"

(b) il-paragrafu 3c huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3c. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw ix-xiri, l-importazzjoni jew it-trasferiment tal-oġġetti elenkati fl-Anness XXI tar-Regolament (UE) Nru 833/2014, jew l-ġħoti ta' assistenza teknika u finanzjarja relatata, b'dawk il-kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li dan ikun neċessarju għall-istabbiliment, l-operat, il-manutenzjoni, il-forniment u t-trattament mill-ġdid tal-fjuwil u s-sikurezza tal-kapaċitajiet nukleari ċivili, u l-kontinwazzjoni tad-disinn, il-kostruzzjoni u l-ikkummissjonar meħtieġa għat-tlestija tal-faċilitajiet nukleari ċivili, bħall-proġett Paks II, il-forniment ta' materjal prekursor għall-produzzjoni ta' isotopi radjuattivi mediċi u applikazzjonijiet mediċi simili, jew teknoloġija kritika għall-monitoraġġ tar-radjazzjoni ambjentali, kif ukoll il-kooperazzjoni nukleari ċivili, b'mod partikolari fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp.";

(c) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. Il-kwoti ta' volum tal-importazzjoni stabbiliti fil-paragrafi 3cc, 3cd, 3da u 4 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu ġestiti mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri f'konformità mas-sistema ta' ġestjoni għall-kwoti tariffarji prevista fl-Artikoli 49 sa 54 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447.";

(d) il-paragrafu 5a huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5a. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni b'kull awtorizzazzjoni li jagħti skont il-paragrafi 3c u 3e fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.";

(19) L-Artikolu 4m huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Għandu jkun ipprojbit il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni, direttament jew indirettament, ta' oġġetti li jistgħu jikkontribwixxu b'mod partikolari għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet industrijali Russi, kemm jekk joriġinaw mill-Unjoni jew le, lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja jew għall-użu fir-Russja.";

(b) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"1a. It-tranżitu mit-territorju tar-Russja ta' ċerti oġġetti u teknoloġija, esportati mill-Unjoni, għandu jkun ipprojbit.";

(c) jitħassru l-paragrafi 3, 3a u 3b;

(d) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"3aa. Fir-rigward ta' ċerti oġġetti, il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għall-eżekuzzjoni sa ... [tlit xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni emendatorja] ta' kuntratti konklużi qabel ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni emendatorja], jew ta' kuntratti anċillari neċessarji għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.

3ab. Fir-rigward ta' ċerti oġġetti, il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għall-eżekuzzjoni sa ... [sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni emendatorja] ta' kuntratti konklużi qabel ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni emendatorja], jew ta' kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.

4c. B'deroga mill-paragrafu 1a, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw it-tranżitu mit-territorju tar-Russja ta' ċerti oġġetti u teknoloġija li jistgħu jikkontribwixxu b'mod partikolari għat-titjib tal-kapaċitajiet industrijali Russi, wara li jkunu ddeterminaw li tali oġġetti jew teknoloġija huma maħsuba għall-finijiet stabbiliti fil-paragrafi 4b u 5 ta' dan l-Artikolu.";

(e) fil-paragrafu 5, il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) l-istabbiliment, l-operat, il-manutenzjoni, il-forniment u t-trattament mill-ġdid tal-fjuwil u s-sikurezza tal-kapaċitajiet nukleari ċivili, u l-kontinwazzjoni tad-disinn, tal-kostruzzjoni u l-kummissjonar meħtieġa għat-tlestija ta' faċilitajiet nukleari ċivili, bħall-proġett Paks II, kif ukoll il-forniment ta' materjal prekursor għall-produzzjoni ta' isotopi radjuattivi mediċi u applikazzjonijiet mediċi simili, jew teknoloġija kritika għall-monitoraġġ tar-radjazzjoni ambjentali, kif ukoll il-kooperazzjoni nukleari ċivili, b'mod partikolari fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp.";

(f) il-paragrafu 5b huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5b. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni b'kull awtorizzazzjoni li jagħti skont il-paragrafi 4a, 4b, 4c u 5 fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.";

(20) L-Artikolu 1n huwa emendat kif ġej:

(a) jitħassru l-paragrafi 3 u 3a;

(b) fil-paragrafu 4, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) sakemm ma jkunx ipprojbit b'xi mod ieħor, ix-xiri, l-importazzjoni jew it-trasport fl-Unjoni ta' gass naturali u żejt, inklużi prodotti tal-petroleum raffinat, kif ukoll titanju, aluminju, ram, nikil, palladju u mineral tal-ħadid;"

(21) L-Artikolu 4 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 6, il-formulazzjoni introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"6. Mill-5 ta' Frar 2023, u b'deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti tal-Kroazja jistgħu jawtorizzaw sal-31 ta' Diċembru 2024 ix-xiri, l-importazzjoni jew it-trasferiment ta' żejt tal-gass f'vakwu li jaqa' taħt il-kodiċi NM 2710 19 71 li joriġina fir-Russja jew li jiġi esportat mir-Russja, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:"

(b) fil-paragrafu 8, ir-raba' subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"B'deroga temporanja, il-projbizzjonijiet imsemmija fit-tielet subparagrafu għandhom japplikaw mill-5 ta' Diċembru 2024 għall-importazzjoni u t-trasferiment fiċ-Ċekja, u għall-bejgħ lil xerrejja fiċ-Ċekja, ta' prodotti tal-petroleum miksuba minn żejt grezz li jkun ġie kkonsenjat permezz ta' pipeline fi Stat Membru ieħor kif imsemmi fil-paragrafu 3(d). Jekk provvisti alternattivi għal tali prodotti tal-petroleum isiru disponibbli għaċ-Ċekja qabel dik id-data, il-Kunsill għandu jtemm dik id-deroga temporanja. Matul il-perjodu sal-5 ta' Diċembru 2024, il-volumi ta' tali prodotti tal-petroleum importati fiċ-Ċekja minn Stati Membri oħra ma għandhomx jaqbu l-volumi medji importati fiċ-Ċekja minn daww l-Istati Membri l-oħra matul l-istess perjodu matul il-ħames snin preċedenti.";

(22) L-Artikolu 4p huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"6a. B'applikazzjoni tal-paragrafi 4 u 6, il-punt (a), għaż-żejt grezz jew prodotti tal-petroleum Russi elenkati fl-Anness XIII, mgħobbija fi ... [xahrejn mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni emendatorja], il-fornituri tas-servizz li ma għandhomx aċċess għall-prezz tax-xiri għal kull barmil stabbilit fl-Anness XI għal tali prodotti għandhom jiġbru informazzjoni diżaggregata tal-prezz għall-kostijiet anċillari kif mogħtija mill-operaturi qrib il-bidu tal-katina tal-provvista tal-kummerċ fiż-żejt grezz jew fil-prodotti tal-petroleum Russi. Tali informazzjoni diżaggregata dwar il-prezzijiet għandha tiġi pprovduta lill-kontropartijiet u lill-awtoritajiet kompetenti, fuq talba tagħhom, għall-fini ta' verifika tal-konformità ma' dan l-Artikolu.";

(b) jitħassar il-paragrafu 8;

(23) jiddaħħlu l-Artikoli li ġejjin:

"Artikolu 4u

1. Mill-1 ta' Jannar 2024, għandu jkun ipprojbit ix-xiri, l-importazzjoni, jew it-trasferiment, dirett jew indirett, ta' djamanti u prodotti li fihom id-djamanti, jekk joriġinaw mir-Russja jew ikunu ġew esportati mir-Russja lejn l-Unjoni jew lejn xi pajjiż terz.
2. Mill-1 ta' Jannar 2024, għandu jkun ipprojbit ix-xiri, l-importazzjoni, jew it-trasferiment, dirett jew indirett, ta' djamanti u prodotti li fihom id-djamanti, ta' kwalunkwe oriġini, jekk ikunu għaddew mit-territorju tar-Russja.
3. Mill-1 ta' Marzu 2024, għandu jkun ipprojbit ix-xiri, l-importazzjoni, jew it-trasferiment, dirett jew indirett, ta' prodotti pproċessati f'pajjiż terz li jikkonsistu minn djamanti li joriġinaw mir-Russja jew esportati mir-Russja b'piż ta' 1.0 karat jew aktar għal kull djamant.
4. Mill-1 ta' Settembru 2024, għandu jkun ipprojbit ix-xiri, l-importazzjoni, jew it-trasferiment, dirett jew indirett, ta' prodotti pproċessati f'pajjiż terz li jikkonsistu minn u li jinkorporaw djamanti li joriġinaw mir-Russja jew esportati mir-Russja b'piż ta' 0.5 karat jew 0.1 gramma jew aktar għal kull djamant.

5. Għandu jkun ipprobit:
- (a) l-għoti ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħrajn relatati mal-oġġetti u t-teknoloġija msemmin fil-paragrafi 1 sa 4, u l-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' dawn l-oġġetti, direttament jew indirettament fir-rigward tal-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 sa 4;
 - (b) l-għoti ta' finanzjament jew assistenza finanzjarja relatati mal-oġġetti msemmin fil-paragrafi 1 sa 4 għal kull xiri, importazzjoni jew trasferiment ta' dawn l-oġġetti, jew għall-għoti ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra relatati, direttament jew indirettament fir-rigward tal-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 sa 4.
6. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 sa 4 ta' dan l-Artikolu ma għandhomx japplikaw għal djamanti jew prodotti li jinkorporaw id-djamanti għall-użu personali ta' persuni fiżiċi li jivvjaġġaw lejn l-Unjoni jew membri tal-familja immedjata tagħhom li jivvjaġġaw magħhom, proprjetà ta' daww l-individwi u mhux maħsuba għall-bejgħ.
7. B'deroga mill-paragrafi 1 sa 4, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw it-trasferiment jew l-importazzjoni ta' proprjetà kulturali li tkun b'self fil-kuntest ta' kooperazzjoni kulturali formali mar-Russja.

